Antoinette
Borg

# Ħittixni

merlin

## PROLOGU

*Julia, għażiża tiegħi, aħfirli.*

*Ma messnix ġibtek hawn. Messni smajt mil-leħen fgat li beda jidwi mill-fond ta' qalbi dakinhar. Iżda sikkittu, u minflok, tajt widen lil-leħen sod u mqanqal ta' missierek. Ħallejtu jikkonvinċini li m'hemmx periklu. Emmint li stajna nagħmlu xi ħaġa biex id-dinja nħalluhielek aħjar milli sibnieha. Emmint li d-dinja għandha bżonn nies bħalna, li jagħmlu dak li l-beżżiegħa ma jagħmlux.*

*Żbaljajt. Jiddispjaċini, għażiża binti.*

*Jiddispjaċini li mhux se narak tikber, tiġri, taqbeż, tirkeb iż-żwiemel u titla' mas-siġar. Li mhux se narak tisfidani, tegħmiżni, tbaqbaqni, tgħannaqni, tħabbatni u tħarbatni bil-qilla li naf li hemm tfexfex ġo fik. Id-demm jiġbed, wara kollox.*

*Għajnejk magħluqin u aktarx mhux se narahom jixegħlu tal-aħħar. Kieku kellek tiftaħhom, titbissimli bħas-soltu, taħsibha xi logħba. Imma tiftaħhomx, qalbi, mhux għalissa. Orqod ftit ieħor, sbejħa, għax l-ebda ħolma kerha ma tista' tisboq il-ħmar il-lejl t'hawn barra.*

*Kemm jien belha. Aħfirli, għażiża tiegħi.*

*Skużani, ċaqlaqtlek il-kaxxa u kważi qajjimtek. Ma ridtx niddisturbak, imma dik il-mewġa ħasditni u bla ma ridt iggranfajt mal-kaxxa.*

*Qed nixxaqqaq bil-kesħa issa; inxift minn ġewwa u ma baqagħlix saħħa nissara ma' mewġa oħra. Dalwaqt iraqqadna l-baħar, pupa tiegħi.*

*Ħanini, minħabba l-bluha tiegħi, illejla, flok qed inkantalek l-għanja tal-irqad tas-soltu, qed inkantalek il-qrara mnikkta tiegħi, bil-baħar imġewwaħ jilgħabha ta' konfessjonarju. Illejla, il-banju li poġġejtek fih m'għandux tarf, u l-ilma ta' ġo fih iswed, lewn id-dlam. Din ir-ragħwa bajda hija r-riq tal-baħar irrabjat, mhux bżieżaq tas-sapun.*

*Illejla, flok qed inbennek komda u sħuna f'dirgħajja, poġġejtek ġo kaxxa kiesħa, li aktarx trid tagħmilha ta' tebut. Illejla, l-istorja li qed naqralek ma tispiċċax "… u għexu kuntenti għal dejjem."*

*Qisni qed nara bħal dawl dik in-naħa. Dik dgħajsa?*

*Jew qed niddellirja?*

*Orqod, ruħi, orqod. Ħallih ibennek u jħannek il-mewġ, u tiftaħx għajnejk.*

*It-togħma ta' melħ qed tiskula minn bejn iċ-ċekċik ta' snieni u qed toħnoqli griżmejja. Ma nafx hix it-togħma tal-baħar jew it-togħma tad-dmugħ. B'id waħda l-baħar qed ibandalni taparsi bil-ħlewwa, imma bl-oħra qed jiġbidni minn taħt. Ħwejġi mtaqqlin kompliċi, qed ifittxu jankrawni mal-qiegħ.*

*U issa ġej tingiż melliesi ma' ġismi kollu, u resqin lejja ħafna ċrieki ta' dawl u kuluri, iduru u jiżfnu quddiemi.*

*Qed nibża', binti. Għajnejja qed jingħalqu u jdejja qed jintelqu.*

*Dawk in-nokkli sbieħ …*

*… il-melħ, il-mewġ, il-mewt …*

*Aħfirli, qalbi. Ma kienx jistħoqqli nkun ommok, imma int taf li, minkejja l-bluha tiegħi, inħobbok. U b'xi mod, xi mkien, għad nerġgħu nsibu 'l xulxin.*

# 1. L-ewwel darba li rajtha

*It-Tlieta, l-1 ta' Lulju 2014*

*Waranofsinhar*

Dakinhar in-nanna ħallietni ninżel fil-kantina waħdi. Jien u nieżel it-taraġ, niknes it-trab minn fuq il-poġġaman u nqarmeċ il-frak tal-ġir taħt saqajja, għaddieli ħsieb li kienet ilha ma tinżel tnaddaf in-nanna. Mhux soltu tagħha. Id-dawl dgħajjef tal-bozza tat-taraġ ma felaħx iwassal s'isfel nett, u kelli nidħol fl-ewwel kamra fid-dlam. Jien u ngerfex mal-ħajt għas-swiċċ ħassejt xi ħaġa tgħarraxli idi, u naħseb qbiżt metru bil-qatgħa li ħadt. Irnexxieli nixgħel id-dawl u sibt li kont bqajt dieħel ġo għanqbuta, u ġibtha ragħad. Kien hemm riħa ta' għeluq u umdità li qatt ma kont innotajtha qabel hemm isfel.

Ftakart li l-kotba kienu f'wieħed mill-kxaxen tal-gradenza antika li kien hemm fl-ewwel kamra, u mort

hemm dritt. Kelli memorji sbieħ ta' dik il-gradenza. Meta kien għadu ħaj in-nannu, il-kantina kienet il-*workshop* tiegħu u kien ikun dejjem hemm, jara xi jsewwi u x'jivvinta. Meta kont immur ħdejh kien itellagħni bilqiegħda fuq il-wiċċ tal-irħam ta' dik il-gradenza, u kont inkun fis-seba' sema nħares lejh u nistudja x'inhu jagħmel. Niftakru jiżbogħ il-banketta ċ-ċelesti, jibdel il-plakka tar-radju, jipprova jsewwi t-*toaster* (għalxejn), jagħmel xkaffa għall-kamra tal-imbarazz, u elf biċċa xogħol oħra, kollha meħudin b'serjetà kbira.

Kemm kienet tirrabja n-nanna xħin kienet issibni hemm.

"Frans, iwa ma tarax li dak it-tifel se taqbdu l-bruda bilqiegħda fuq dak l-irħam kiesaħ?"

"U x'bruda bruda, Tes, din is-sħana kollha! F'Awwissu qegħdin ta, mhux Jannar!"

"Ara ma jaqagħlekx minn hemm ta!"

"U le, mhux se jaqa'! Ħallih, miskin, qiegħed kuntent hawn!"

Nimmissjah 'in-nannu Frans. Miegħu l-kantina mietet ukoll.

Bi ftit tqanżiħ ftaħt il-kexxun ta' fuq nett. Kien mimli sa ruħ ommu bil-lożor, investi, piġami u srievet, merfugħa mill-istint nemli tan-nanna, għal li jista' jinqala'. Ippruvajt niftaħ it-tieni wieħed imma kien iġġammjat u ma ried jiċċaqlaq b'xejn. It-tielet u

r-raba' kexxun kienu mimlijin b'iktar lożor. Jekk trid tista' tarma ħanut in-nanna. Erġajt dort għat-tieni kexxun, iddendilt mal-pumi u bdejt niġbed b'kemm kelli saħħa, imma mank tniffes.

Fl-aħħar qabżitli nitħabat għalxejn; farfart idejja u bdejt inħares mal-kamra kollha. Ir-rokna ta' warajja kienet mimlija affarijiet goffi mgħottijin bil-lożor, qishom fatati bbalzmati. Mill-forma tal-lożor, u bi ftit għajnuna mill-memorja, bdejt nipprova naqta' x'kien hemm moħbi taħthom: żewġ fannijiet, televixin fih daqs magna tal-ħasil, u sodda tat-tfal bil-ġnub imtellgħin u mimlija sa geddumha bl-imbarazz. Liżar minnhom ma kellix idea x'kien qed jgħatti, u kif mort ngħollih mit-tarf biex nittawwal taħtu, buffura trab telgħet għal wiċċi u ġegħlitni nagħtas.

Kif erġajt ftaħt għajnejja, mexxewni lejn il-gradenza mill-ġdid. Dak il-ħin għadda bħal dell żgħir iferfer minn fuqha, aktarx xi farfett li qajjimtu mir-raqda bil-kommozzjoni li kont qed noħloq f'post fejn is-soltu jsaltan is-skiet. Kemm xtaqt nerġa' nitla' fuq il-gradenza bħal meta kont żgħir. Ersaqt lejha, mellistilha l-wiċċ abjad, u kien kiesaħ.

Dak il-kexxun ta' rasu iebsa ma ridtux jirbaħli. Qbadt il-pum tal-lemin b'idejja t-tnejn u ġbidt lilu biss, u b'żaqżiqa żgħira l-kexxun iċċaqlaq daqsxejn minn naħa waħda. Mort fuq il-pum l-ieħor, tajtu skoss u l-kexxun infetaħ xaqq. Komplejt nagħti skoss

minn kull naħa sakemm infetaħ biżżejjed biex stajt nara x'kien hemm ġewwa. Kif ħsibt, il-kexxun kien mimli kotba qodma, stivati f'ringiela dritta bix-xewka ta' daharhom tħares lejja. Mhux ta' b'xejn ma stajtx niftħu, dak it-toqol kollu!

Awtomatikament tfajt għajnejja fuq ix-xellug, u b'ħarsti bdejt miexi bil-mod lejn il-lemin. Hekk ġejt ittrenjat, sa mill-kindergarten. Dejjem mix-xellug għal-lemin, qatt bil-kontra. *Għaliex mhux mil-lemin għax-xellug, Miss? Għax hekk. Għax ma niktbux minn isfel għal fuq, kif jikbru s-siġar? Għax hekk. Imma min iddeċieda li hekk? Ittawwalx ilsienek, Jack.* Issa m'għadnix intawlu lsieni. Drajt insikkithom il-mistoqsijiet, u nirrispondi lili nnifsi "għax hekk". Insomma, lura fil-kexxun. Fit-tarf nett kien hemm dizzjunarju kbir tal-Malti, f'żewġ volumi, u mbagħad xi kotba tal-iskola, għadhom miksijin bil-plastik, fosthom *textbooks* tal-Matematika, Taljan u Ġografija. Imbagħad lejn nofs il-kexxun kien hemm xi kotba bl-Ingliż, klassiċi tal-Penguin: *Jane Eyre, A Tale of Two Cities, Wuthering Heights*. Brimba ppanikkjata ħarġet tiġri minn qalb il-kotba u sparixxiet. Il-kotba tan-naħa tal-lemin kienu irqaq u iktar kuluriti mill-oħrajn, fosthom serbut twil ta' kotba tal-Ladybird. L-aħħar ftit kelli noħroġhom mill-kexxun biex nara x'jisimhom. Qbadt erbgħa minnhom f'idejja: *Ċiklemfusa … Pietru Pitravu …*

*Ramon u Sardinellu* ... X'ismijiet strambi dawk! Dehru qishom kotba tat-tfal iż-żgħar, u tlaqthom lura fil-kexxun, bħallikieku gidmuni.

F'idi kien fadalli ktieb antik, bil-qoxra safranija, bla disinn.

**Is-Salib tal-Fidda**

Rumanz sabiħ u nazzjonali

ta' Wistin Born

Pub. CORDINA'S "EMPORIUM"

Valletta – Malta

Kieku rajtu fit-triq, probabbli ma kontx niġbru dak il-ktieb, imma, ma nafx għaliex, tħajjart niftħu. Il-karta ta' ġewwa kienet safranija wkoll, kollha tikek u tbajja' kannella, u bdiet tqarmeċ jien u ndawwar il-paġni. Ippubblikat fl-1971—illaħwa, dan il-ktieb ixjeħ minn ommi u missieri! Sibt l-ewwel kapitlu u bdejt naqra.

> *Kienet l-ewwel darba li Xandru sab ruħu waħdu mdawwar minn kullimkien bid-dlam tad-dwejjaq, mingħajr ebda merżuq ta' faraġ.*

Ħassejt għafsa ta' qalb għal dan Xandru, speċjalment kif sirt naf li kien għadu kif tilef 'l ommu u spiċċa orfni. Imma dak il-ħin ma xtaqtx ngħabbi lili nnifsi b'iktar dwejjaq. Uff, gergirt bejni u bejn ruħi, m'hemmx li

nsib xi ħaġa bis-sens li ttaffili daqsxejn il-monotonija ta' dil-ħajja li qed ngħix!

Kif kont se nqiegħed il-ktieb lura f'postu, smajt tħaxwixa u ħassejt xi ħaġa taqa' mal-art. Tbaxxejt u dak li ġbart kien ritratt antik.

Kien abjad u iswed, imdaħħan u kollu tbajja' taż-żmien. Sebgħa min-nies, libsin ħwejjeġ antiki u bla forma, kienu qed jippużaw quddiem purtiera ta' kulur ċar. Għarkupptejhom fl-art, fuq quddiem, kien hemm tlett itfal: żewġ subien u tifla f'nofshom. Warajhom, bilqiegħda fuq tliet siġġijiet, kien hemm tfajla b'xagħarha iswed, forsi ta' xi ħmistax, sittax-il sena; mara b'xagħarha miġbur f'qagħqa; u raġel qed jaqagħlu xagħru, li kellu tifla oħra f'ħoġru. Kollha kemm huma kienu qed jitbissmu u jħarsu fiss lejja, misthijin imma fl-istess ħin imżattin.

Malajr indunajt li t-tfal ta' quddiem kienu n-nanna Tessie u ż-żewġ ħutha subien tal-Awstralja. Għaraftha mill-ewwel lin-nanna għax dik it-tifla żgħira, li naħseb li kellha xi sitt snin fir-ritratt, kellha felula mal-ġenb ta' mneħirha. In-nanna Tessie għandha felula fl-istess post (dik li hi tħobb issejħilha *beauty spot*).

Il-mara u r-raġel ta' wara jiġu omm u missier in-nanna, il-bużnanniet tiegħi. Ilhom mejtin sew issa; lanqas niftakarhom. It-tfajla ħelwa ta' ħdejhom identifikajtha bħala z-zija tan-nanna, Luċija, li llum għandha xi disgħin sena u qiegħda fl-isptar tax-xjuħ.

In-nanna spiss tmur taraha u ġieli mort magħha. X'differenza minn kif kienet tidher f'dak ir-ritratt! Lanqas temmen li dik il-mara xiħa f'qiegħ ta' sodda kienet daqshekk ħelwa meta kienet żgħira!

Imma l-iktar li kienet tispikka f'dak ir-ritratt kienet it-tifla l-oħra, dik li kienet bilqiegħda f'ħoġor il-bużnannu. Kienet tidher li kellha qisu xi seba' snin ukoll, tampar in-nanna Tessie. Kienet bajda bajda, u kellha għajnejha ċari u xagħarha bjond kollu nokkli, twil sa spallejha. Ħalqha kien imċarrat fi tbissima li tiġbdek. Imma din it-tifla ma kienet tixbah xejn lill-bqija tal-familja tan-nanna, kollha somor u b'għajnejhom suwed. Ftakart fil-kotba li taqra oħti, u 'l dik it-tifla stħajjiltha Goldilocks mal-familja tal-orsijiet.

Kont se npoġġi r-ritratt f'postu f'nofs il-ktieb, imma qisu weħel ma' subgħajja u kelli bilfors nerġa' nħares lejh. Bla ma ridt, ħarsti reġgħet daret lejn wiċċ it-tifla l-bjonda, u ċċassajt lejha qisni miġbud minn kalamita. Din id-darba ffukajt sew fuq għajnejha, u għal mument deherli li rajthom qed jinbidlu — filli jirriflettu t-tbissima ħelwa li kellha fuq fommha, u filli donnhom qed jitolbuni bil-ħniena għal xi favur. Bħal meta oħti tagħmilli *puppy dog face* biex inħenn għaliha u nagħtiha li trid.

U ejja, żgur qed nara ħażin! Il-monotonija ta' dalgħodu, id-dlam tal-kantina u din is-sħana

soffokanti ta' waranofsinhar qed jagħmlu bija.

Il-werżieq li kont qed nisma' jredden fil-bogħod waqaf ħesrem. Ħassejt bħal nifs ta' żiffa jmiss ma' xagħri, u nħsadt għax kont naf li m'hemmx twieqi hemm isfel. U lanqas li kieku, għax kienet ġurnata tipika tas-sajf ta' Malta, minn dawk li fihom lanqas l-iċken werqa ma titħajjar tiċċaqlaq.

F'daqqa waħda, moħħi donnu kkraxxja u ma stajt niffoka fuq xejn ħlief kurżità qawwija u xewqa urġenti li niskopri x'hemm moħbi wara dak ir-ritratt.

*Min hi dik it-tifla, u x'qed tagħmel f'nofs il-familja tan-nanna qisha parti mill-familja wkoll?*

Ħasadni l-ħoss tal-qanpiena tal-bieb ta' barra jidwi mad-dar kollha: kienet ġiet ommi għalija u dakinhar kellha teħodna l-baħar. Dak il-ħin qisu faqqa' subgħajh l-ipnotista. Fil-fixla tfajt ir-ritratt fil-ktieb, xħett kollox fil-kexxun u mbuttajtu b'kemm kelli saħħa biex ma nħallihx miftuħ. Ftehemt miegħi nnifsi li l-għada nistaqsi lin-nanna fuq it-tifla tar-ritratt, u tlajt niġri 'l fuq.

*Sab ir-ritratt! M'hawnx għalih Jack! Meddli l-ewwel pass fit-triq twila li għandi quddiemi.*

*Il-marelli kemm hu ħelu dan it-tifel! Ifakkarni f'ħija*

*Massie meta kien daqsu. Mhux minn wiċċu ta, għax minn barra ma jixtiebhu xejn. Il-karattru, il-karattru: kwiet, serju u "responsabbli". Anke Massie, kien dejjem ġwejjed u qatt ma kien jaqla' inkwiet, jaħasra. Jew jekk tħares lejh mod ieħor, kien vera mitluq! Mhux bħali u ħuti l-bniet. Tant kien plaċidu Massie li bilfors kien itik li tinkih jew tagħmillu xi ċajta goffa, biex tara ħalqu jinfetaħ beraħ u dawk l-għajnejn innoċenti jikbru daqs żewġ roti ta' karrettun. Bħal meta konna l-knisja u Rolo impustatlu gremxula ġo dahru waqt il-prietka solenni. Jew meta bellajnihielu li rajna mara għarwiena dieħla tiġri fil-kampnar u mar jiġri javża 'l Father Brown biex jieħu l-passi meħtieġa. Miskin Massie, kif konna nġennuh. Haw', imma fl-istess ħin kien jiġbdek u kollha konna nħobbuh immens. Massie kien il-fessud ta' kulħadd, il-benjamin tal-familja.*

*Lura għal Jack ta' Malta. Ħa nġennen ftit lilu issa. Qatt ma kelli kwiet jien. La f'ħajti u wisq inqas f'mewti. Imma żgur li ma nistax nistrieħ fis-sliem qabel ma joħorġu s-sigrieti kollha miċ-ċimiterju tagħhom, u nkun naf li binti sabet il-paċi fil-verità. Għalhekk ħa nagħmel waħda minn tiegħi. Permezz ta' Jack.*

*Żrajtlu żerriegħa ċkejkna f'moħħu b'dak ir-ritratt, indunajt? Mid-dehra xi ftit ħamrija tal-kurżità għandu. Naqra tisqija u attenzjoni u għandha tibda tnibbet.*

*Imma m'iniex ċerta jekk jasalx waħdu. Naħseb se jkolli ntih palata għax ma naqtgħux xi furja tbaqbaq mill-ftit li osservajtu s'issa. Jgħix ħajja tedjanti wisq, marelli, ġo familja rieqda f'raħal rieqed fi gżira rieqda. Biex tagħqad, wasal f'punt li jiġġennen fuq xi tfajla u jkun iktar fis-sħab milli fl-art, bħal meta Massie kien intilef wara Matilda Losch u sar qisu l-iċċassat. L-unika konsolazzjoni li għandi? Immaġinazzjoni għandu kemm trid, u dik se tkun utli għal li għandi f'moħħi. Imma probabbli se jkolli bżonn lil xi ħadd ieħor biex jgħinu, xi ħadd li moħħu jisparkja iktar, ħa nkun nista' nqabbad il-fjamma u nħeġġiġha kemm għandi bżonn.*

*Ħalli f'idi. Issa nosservah ftit ieħor u tiġini xi idea żgur.*